MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF
LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Ruth Vassallo
vs
Tabib Principali tal-Gvern

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li semmiet illi hija kienet diga` irriferiet il-kaz lil Public Service Commission izda ma kienetx harget sodisfatta minhabba li kienet diskriminata ingustament.

Dok A anness mar-rikors hija ittra mibghuta lil Public Service Commission li tiddeskrivi l-kaz kif inhu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument pprezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi l-intimat ma hux legittimu kontradittur stante illi m'ghandux il-poter li jaghti promozzjonijiet. Dawn ta' l-ahhar jaqghu fil-mansjoni esklussiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-proceduri kollha mis-sejha ghall-applikazzjonijiet sa l-ghazla ta' dawk li ghandhom jinhatru huma kollha proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insidikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrenti stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet illi dahlet tahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1983. Spjegat li kienet tahdem fi hdan id-dipartiment bhala studneta ghad-Diploma mis-sena 1979. Kienet qed taghmel kors ta' Medical Laboratory Technician liema kors kien spicca f'Mejju tas-sena 1983. Wara li lestiet l-istudji bdiet xoghol bhala Medical Laboratory Technician taghmel xogholijiet gewwa s-sezzjoni tal-laboratorju ta' l-emergenza ta' l-Isptar San Luqa. Semmiet li kienet taghmel ukoll xogholijiet ta' biochemistry u haematology liema xogholijiet b'mod partikolari ta' supervision u quality control normalment jappartjenu izjed ghal grad ta' Assistant Principal milli dak li kienet tokkupa hi f'dak iz-zmien.

Wara li gew introdotti l-post ta' Senior u Principal fl-1991 liema gradi inghataw skond is-snin ta' servizz fid-dipartiment, ir-rikorrenti hadet il-promozzjoni ta' Senior. Hi baqghet tahdem l-aktar fis-sezzjoni tal-biochemistry izda b'izjed enfasi fuq quality control u stock control. Kienet marret kors fil-management sabiex tkompli zzid mal-kwalifiki li kellha.

Fl-1994 kienet harget is-sejha ghal applikazzjoni ghal grad ta' Assistant Principal fi hdan id-dipartiment. Hi applikat ghal dan il-post ma' xi erbghin ruh ohra. Qalet li ghamlet interview u d-domandi wegibthom sewwa peress li kienet taf xoghlha sewwa. Minkejja li kienet wahda mis-seniors u kienet ilha mad-dipartiment ghal xi 11-il sena u minkejja l-kwalifiki li kellha, hi ma haditx il-promozzjoni.

Fost dawk li qabzuha semmiet lil hemm Tania Sciriha li minkejja li kienet irrizenjat qabel ma biss hargu l-applications, hi kienet intitolata tiehu l-promozzjoni. L-ohrajn kienu kollha mxew by seniority kif kien imisshom jilhqu. Kienu saru 13. Hi qalet li bhala Seniority kienet zgur qabel it-13 pero` 13 lahqu u fl-interview hi kienet giet klassifikata s-27.

Fl-1991 lahqu Senior Laboratory Medical Technologist by seniority. Hi sostniet li l-ilment taghha kien propjament fuq l-1994 biss. Qalet li kieku fl-1994 saru automatically by seniority kienet tehodha. It-12 l-ohra li saru kollha kienu appointed by seniority bhalha u hi biss li nqabzet. Hi hasset li saret ingustizzja maghha meta ma haditx il-promozzjoni u l-anqas fl-1997 ma kienet haditha. Ipprezentat ic-CV taghha u qalet li ghandha l-Assistant Apothecary Licence.

Gew prezentati r-rizultati in konnessjoni ma' DH Circular 108/95, 80/97, 4/2000 u lista ta' dawk li kkwalifikaw mill-1996 sa Lulju, 2001.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi f' dan il-kaz jirrizulta li r-rikorrenti qeghda tilmenta li ma haditx promozzjoni fl-1995. Fir-rikors taghha hi rreferiet ghal ittra li annettiet bhala Dokument "A" mibghuta lill-

Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku fejn ilmentat dwar promozzjoni li applikat ghaliha f' Lulju 1995. Ghal xi raguni li taf hi biss a fol 11 tal-process fl-affidavit taghha fis-sitt paragrafu r-rikorrenti nsiet dak li qalet precedentement u semmiet li fl-1994 harget is-sejha ghall-applikazzjoni. Minn dokument a fol 27 u cioe` r-result sheet tal-PSC dwar il-kariga in kwistjoni jirrizulta li r-rizultat gie pubblikat fis-6 ta' Lulju 1995.

Fil-kawza fl-ismijiet Priscilla Pirotta vs Telemalta Corporation deciza fis-16 ta' Gunju 1998 it-Tribunal qal:

"Issa l-artikolu 5 (4) ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995." Fil-kaz in ezami mhux biss hargu l-appointments wara Mejju, 1995 izda anke l-interviews saru f'Settembru, 1995. Ghalhekk l-Att ma japplikax ghall-kaz tar-rikorrenti. Ghall-istess motivi tichad it-talba."

Mill-istess ittra tar-rikorrenti fejn ilmentat mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jirrizulta li hi applikat f' Lulju 1995 u li ghalhekk wara Mejju 1995 b' mod li l-ilment tar-rikorrenti jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis***.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

--------------------------------TMIEM-------------------------------